MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 61**

**Il-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**61.1 Talba;**

61.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**61.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

61.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

**61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 58, 59 u 60;**

61.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 58, 59 u 60 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**61.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

61.4.1 Ipparteċipa f'laqgħa flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv b'mod virtwali mas-CEO tal-ERA dwar il-*bring-in-sites*;

61.4.2 Ġie ffirmat il-*Grant Agreement* dwar l-iskema tal-finanzjament Komunitajiet aktar siguri u organizzati mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill ikkwalifika u ħa s-somma €9,902.50, Vat inkluż;

61.4.3 Peress li ġew diversi persuni jabitaw fil-lokalità minn meta ġie ppublikat il-ktieb 'Il-Fontana u Ġrajjietha' ħames snin ilu u li kien ġie mqassam f'kull residenza, ikun tajjeb illi ssir lista ta min huma biex jitqassmilhom il-ktieb li kien ħareġ il-Kunsill. Il-Kunsill qabel;

61.4.4 Twaħħlu żewġ tabelli li jindikaw kif ġej il-proġett tat-tisbieħ tal-*Playing Field*, dawn saru għand il-*Playpen Stationery*;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

61.4.5 Hemm bżonn li ssir manutenzjoni tal-apparat tal-*gym* li bħalissa jinsab magħluq. Sar qbil illi jsir;

61.4.6 Ix-xogħol taż-żebgħa fis-sala tal-komunità miexi b'ritmu mgħaġġel skont l-istruzzjonijiet tal-artist Paul Stellini, dan wara li tlesta x-xogħol tat-tiswija tas-suffitt minn Michael Farrugia;

61.4.7 Qed jipproponi lill-Kunsill biex jissewwew il-lampi antiki tal-*floodlights* tal-knisja parrokkjali li huma responsabilità tal-Kunsill u li jsiru kollha sofor bħal taċ-Ċittadella. Il-Kunsill qabel li jitqabbad Alex Gatt;

61.4.8 Ingħatat it-tilqima tal-influwenza lir-residenti minn Dr. Refalo, minn 40 miktuba niżlu għal 26 persuna fi żmien ġimgħa;

61.4.9 Attenda l-laqgħa plenarja tar-Reġjun t'Għawdex li saret fil-Lukanda Kempinski f'San Lawrenz;

61.4.10 Hemm bżonn illi jinxtraw il-boroż griżi/ħodor li jintużaw għar-riċiklaġġ;

61.4.11 Intalbet is-somma ta' €3000 lil Wasteserv tal-premju li rebaħ il-Kunsill din is-sena dwar is-separazzjoni tal-iskart. Din it-talba saret biex jitħallsu parti mill-bankijiet li saru din is-sena fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi f'Mejju li għadda li huma magħmula minn materjal riċikabbli;

61.4.12 Ingħatat kopja tal-ktieb 'Il-Fontana u Ġrajjietha' lil Arkivju Nazzjonali ta' Malta u lil Viċi Sindku, li qalet illi l-ktieb li kien ingħatalha ma sabitux;

61.4.13 Hemm bżonn illi jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill qabel illi jiġi kkuntattjat is-Sur Buhagiar sabiex ikunu jistgħu jsiru;

**61.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

61.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**61.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

61.6.1 Ċirkulari AKL 2023/078 bis-suġġett 'Contract Management and Project Implementation Course 07/11/2023'.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

61.6.2 Ċirkulari AKL 2023/085 bis-suġġett 'Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Formola tal-Applikazzjoni'. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-applikazzjoni li kienet ġiet diskussa u approvata fil-laqgħa preċedenti.

61.6.3 Ċirkulari AKL 2023/086 bis-suġġett 'President's Fun Run 2023 '.

61.6.4 Ċirkulari AKL 2023/089 bis-suġġett 'Micro-learning online course on Visual Media Literacy'.

61.6.5 Ċirkulari AKL 2023/093 bis-suġġett *Invitation to the Green Flag and Sustainable Mobility Award Ceremony 13/11/2023 – Programme of the Event.*

61.6.6 Ċirkulari Numru 17/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2023.

61.6.7 Ċirkulari Numru 18/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ħatra ta' DG *Designate* għall-Gvern Lokali.

61.6.8 Ċirkulari Numru 19/2023 Ħatra ta' Viċi President fi ħdan il-Kamra tar-Reġjuni tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (Kunsill tal-Ewropa).

61.6.9 Direttiva Nru. 02/2023 – Pożiżżjoni ta' Uffiċjali Maniġerjali Reġjonali.

61.6.10 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Communication Note to Schedule 3: Local Councils: Construction Industry Licensing Regulations in Procurement/Concession Documents'.

61.6.11 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett Lejla ta' Rikonoxximent – 11 ta' Novembru 2023. Ser jattendu s-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana tal-Kunsill.

61.6.12 Id-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali bagħat korrispondenza 'Il-Wirt Intanġibbli – għandna bżonn l-għajnuna tiegħek – Link (Ħolqa) Reveduta'. Il-Kunsill qabel illi jipparteċipa.

61.6.13 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Regional Event of the Mission Innovation's Urban Transitions Mission and the Platform of the Urban Transitions Mission Center 9 November 2023, Barcelona (Spain)'.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

61.6.14 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsill sabiex jibgħatlu l-iskedi ta' pagamenti skont Ċirkulari 06/2022 maħruġa fid-19 ta' Mejju 2022. L-Aġent Segretarja ser tieħu ħsieb tibgħat id-dokument mitluba.

61.6.15 L-SPI fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet emejl dwar l-iskema SPI/SCI/2/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields*. Il-Kunsill talab estenzjoni sal-aħħar ta' Jannar 2024.

61.6.16 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:

- *Project Opportunity Gozo Regional Development Authority*;
- Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2023;
- *Link* fejn tirrapporta fuq abbuż ta' skart mal-ERA;
- Tfakkira u Aġġornament re Skemi tal-Kunsill Reġjonali Għawdex;
- Explore Malta;
- *European Week for Waste Reduction*;
- Kampanja kontra l-influwenza Staġjonali 2023-24;
- *Soft Telephony*;
- *Queries & Introductory Meeting* mingħand l-Uffiċċjal Reġjonali tal-Kultura.

61.6.17 Heritage Malta bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Invitation CORALLO + SI Project Event 27th October'.

61.6.18 *Gozo Regional Development Foundation* bagħtet korrispondenza bis-suġġett *MedSNAIL Project Final Event*. Is-Sindku attenda għal dan is-*seminar* li sar fil-Grand Hotel Imġarr, Għawdex.

61.6.19 Korrispondenza mill-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar żjara ta' monitoraġġ lill-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru. Il-Kunsill aċċetta l-istedina ta' din id-delegazzjoni.

61.6.20 Korrispondenza mir-Rotary Club of Gozo – 'The Pride of Gozo Awards 2023'.

61.6.21 Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) ser jorganizzaw sezzjoni ta' taħriġ bis-suġġett 'Project Implementation (EU Funds)'.

61.6.22 Il-Kappillan tal-Parroċċa stieden lill-Kunsill għall-pontifikal tal-festa ta' Sant'Indrija. Il-Parroċċa ser tirriserva post quddiem għall-membri tal-Kunsill u staqsa min ser jattendi. Is-Sindku qal li mill-festa tal-Qalb ta' Ġesù 'l hawn l-awtoritajiet ekklesjastiċi bidlu d-deċiżjoni li kienu ħadu li ma jistednux lill-membri tal-Kunsilli Lokali u Parlamentari, basta tellfu

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

lill-membri tal-Kunsill Lokali li jieħdu sehem f'post li kien jixirqilhom bħala Gvern Lokali fil-festi ċentinarji tal-mitt sena tal-istatwa titulari bil-pontifikal immexxi mill-Kardinal Mario Grech. Il-Kappillan issuġġerixxa wkoll li jitpoġġew *bins* temporanji madwar il-Knisja u jekk possibbli issir tabella SLOW jew xi ħaġa simili fil-bidu ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali maż-żewġ naħat peress li qed jgħaddu b'veloċità pjuttost elevata. Il-Kunsill qabel li l-permess għal dawn it-tabelli jrid joħroġ minn Transport Malta. Il-Kunsill m'għandu l-ebda awtorità li jagħmel tabelli. Barra minnhekk parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali hija privata (tal-Knisja). Is-Sindku nforma li tpoġġa *bin*.

61.6.23 Il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana bagħtu korrispondenza lill-Kunsill dwar il-ħames edizzjoni ta' Milied fl-Għejjun. Il-Kummissjoni ser tapplika għal għajnuna mal-Ministeru għal Għawdex sabiex torganizza din l-attività li ser issir bejn l-10 u t-12 ta' Diċembru. Attività oħra ser issir fis-7 ta' Jannar 2024 bl-isem 'Tre Re'. Il-Kummissjoni talbet permess biex tuża l-parti li tappartjeni lill-Kunsill flimkien mal-parti ta' wara l-Knisja u Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali għal dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel u ser jinforma lill-Kummissjoni sabiex tapplika mal-Kunsill għal permessi neċessarji.

61.6.24 L-Aġenzija Sapport infurmat lir-residenta li talbet parkeġġ riservat personalizzat fi Triq tal-Għajn li t-talba ma ġietx milqugħa minħabba li l-kundizzjoni medika mhix ikkunsidrata bħala severa biżżejjed biex tikkwalifika.

61.6.25 Il-parir tal-Avukat Chris Said dwar il-permessi ta' *crane* li jridu jgħaddu fuq bjut ta' terzi kien illi l-Kunsill ma jistax jidħol f'dawn it-tip ta' problemi. Għaldaqstant issuġġerixxa li permessi simili għandhom joħorġu dejjem 'Saving third party civil rights'.

61.6.26 *JP2 Foundation* bagħtet korrispondenza fejn aċċettat il-proposta tal-Kunsill illi l-kunċert isir parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana. Dan il-kunċert ser isir is-Sibt, 2 ta' Diċembru 2023.

61.6.27 L-Għaqda Armar Fontana talbu permess sabiex tkun tista tuża parti mill-wesgħa fuq iz-zuntier għall-attività 'Meet Santa in Concert' li ser issir fit-12 ta' Diċembru . Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u ser jinforma lill-għaqda sabiex tapplika mal-Kunsill għal permess neċessarju.

61.6.28 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni sabiex issir bankina ġdida fi Triq Wied Siekel. Il-Kunsill qabel illi din għandha ssir skont id-direttiva ta' Natura 2000, peress li hemm huwa sit Natura 2000. Din it-talba ser tiġi mgħoddija lill-Ministeru għal Għawdex.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

61.6.29 Resident issuġġerixxa li fi Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata jitwaħħal fanal ieħor jew bozza oħra LED kif tispiċċa t-tisqifa peress li hemm ħafna dlam u għas-sikurezza tar-residenti. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk l-isqaq hux privat, u jekk fl-affermattiv ma tkunx tista ssir din il-bozza.

61.6.30 Korrispondenza dwar *survey* li jixtieq jagħmel individwu dwar friefet il-lejl. Għal dan il-għan il-Kunsill stieden lil din il-persuna għall-laqgħa u tawh permess biex jitkellem waqt il-laqgħa. Huwa spjega li jixtieq jagħmel *survey* fl-għar f'Wied Siekel però jidher li huwa msakkar. Il-Kunsill infurmah li l-għar huwa proprjetà privata u ser jiġi ċċekkjat mas-sid jekk dan jistax isir. Il-Kunsillier Horace Micallef qal illi f'Fontanella Gardens ġieli kien hemm friefet il-lejl.

61.6.31 Resident issuġġerixxa li fiż-żona tal-pjazza l-ġdida li nksiet bil-porfido wara l-knisja jsiru tabelli li jispeċifikaw li ma jistgħux jiġu pparkjati vetturi kummerċjali tal-ebda qies u għamla. Il-Kunsill qabel illi jibqa jaħdem fuq il-proġett ta' *slow streets* f'din il-parti tal-lokalità, billi din issir *pedestrian area*.

61.6.32 Kopja t'ittra mibgħuta lill-Awtorità tal-Artijiet minn Avukat f'isem resident dwar reġistrazzjoni ta' biċċa art li tinsab fil-Fontana li hija parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali li hija rreġistrata f'isem il-Knisja.

61.6.33 Korrispondenza mingħand is-Surġent tal-Pulizija tal-Komunità dwar likwidu ta' żibel li qed joħroġ minn trakkijiet taż-żibel li qed jgħaddu minn Triq il-Għajn, konsegwenza li qed jikkawżaw irwejjaħ u ħmieġ. Importanti li dwar rapporti simili jingħataw in-*number plates* tal-vetturi involuti sabiex il-pulizija tkun tista tipproċedi. Is-Sindku qal li dawn ġew mgħoddija minn resident lill-Pulizija.

61.6.34 Is-Sindku ressaq suġġeriment mingħand resident biex isiru *parking spaces* fi Triq il-Għajn 'l isfel minn Trejqet Bieb il-Għajn sa ħdejn il-knisja. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 61.7 Sitwazzjoni tal-proġetti tal-Kunsill;

61.7.1 Saret il-garanzija bankarja bl-ammont ta' €2,300 għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl. Il-Perit inkarigata minn dan il-proġett bagħtet lista ta' *warranted conservators* biex il-Kunsill ikun jista jara lil min minnhom jingaġġa flimkien ma' kuntrattur biex jitwettaq ix-xogħol. Ikun hemm bżonn li tintgħażel persuna minn dawk li għandhom *Practicing Certificate f'Objects* (Stone). Hija semmiet il-bżonn li l-Kunsill jindikalha kif ser jinħadem ix-xogħol. Il-Kunsill qabel illi toħroġ offerta

waħda li tkun tinkludi kemm ix-xogħol ta' restawr kif ukoll l-armar tal-i*scaffolding*. Il-Perit semmiet ukoll li l-ftehim li kien sar mal-Kurja ser jiskadi u hemm bżonn li jiġi estiż.

61.7.2 *Window World International* bagħtu stima ta' €12,461.85 sabiex il-pannelli li nqalgħu mill-*Playing Field* jitwaħħlu mal-kumplament li hemm u jinbidlu 3 miksura. Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel illi l-ammont huwa wieħed esaġerat u għandu jiġi ċċekkjat jekk kienx hemm xi żball fl-ammont. Jekk mhemmx żbalji l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jinġabru l-pannelli li nqalgħu u jitpoġġew fil-garaxx għalissa.

61.7.3 Inġabret kwotazzjoni mingħand *Island Blinds* sabiex isiru purtieri ġodda fis-Sala tal-Kommunità għall-ammont ta' €1,900. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk inġabrux kwotazzjonijiet oħra. Is-Sindku wieġeb lil Viċi Sindku li tista tmur iġġib imqar 10 kwotazzjonijiet oħra u qed jastjeni minn din il-kwotazzjoni. Ma dan qabel ukoll il-*Minority Leader*, is-Sur Horace Micallef li astjena wkoll. Wara diskussjoni l-membri l-oħra tal-Kunsill fosthom il-Viċi-Sindku qablu li tiġi aċċettata din l-istima u jordna l-purtieri mingħand *Island Blinds* għal dan il-prezz.

61.7.4 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel unanimament illi jibgħat ittra bonarja bl-Avukat John Paul Grech lill-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol tal-*Playing Field* li ilu wieqaf madwar sitt ġimgħat minkejja t-temp sabiħ li qed jagħmel. Is-Sindku rrimarka li meta ftit tal-ġranet ilu għamel ftit xita, madwar 7 millimetri, daħal l-ilma fl-uffiċċju tal-Kunsill, fil-latrina pubblika u fis-sala tal-komunità. Hu nforma lill-Kunsill li ħa r-ritratti. Dan ġara li minkejja li nġibdet l-attenzjoni tal-Perit u tal-kuntrattur l-ilma tal-knisja u dak tal-*playing field* m'għandux fejn imur għar-raġuni li m'hemmx katusi.

61.7.5 Dwar il-proġett ta' tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku s-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ma bediex minkejja li għadda ħafna żmien minn meta ġie ffirmat il-kuntratt. Saret laqgħa f'nofs Ottubru mal-kuntrattur Victor Hili dwar din il-materja, flimkien mas-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u sa llum għadu ma nbena xejn minkejja li skont il-kuntratt ix-xogħol suppost tlesta dan ix-xahar. Il-Kunsill għadu lanqas irċieva l-kont tat-tħammil li sar mill-istess kuntrattur minkejja d-diversi kuntatti li saru mal-kumpanija biex jintbagħat, għalhekk ser terġa tintbagħat *reminder*.

61.7.6 L-offerta tas-*safety carpets* għall-proġett tal-*Playing Field* ħarġet u ser tagħlaq fis-7 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel illi jaħtar il-Bord t'evalwazzjoni għal din l-offerta. Dan ser ikun magħmul mis-Sindku, mill-Kunsillier Carmel Farrugia, l-Enġinier Simon Mizzi, William Sultana u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**61.8 Tiġdid tal-kuntratt tal-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika – Triq ta' Mulejja;**

61.8.1 Il-Kunsill irċieva t-tiġdid tal-kuntratt tal-amministrazzjoni pubblika fi Triq ta' Mulejja kantuniera ma Triq il-Għajn. Il-Kunsill qabel ma dan it-tiġdid u qabel ukoll li jipprova jgħaqqad il-proprjetajiet devoluti lilu li hemm fl-istess post li huma tlieta flimkien, is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jiċċekkja l-ammont peress li jidher li l-valur huwa wieħed baxx, meta soltu nħallsu €1,400 fis-sena għal din id-devoluzzjoni.

**61.9 Jum il-Fontana – 30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill;**

61.9.1 Fl-okkażjoni tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill ġew diskussi l-attivitajiet li ser isiru għal dan il-għan, fejn fost l-oħrajn ser isiru ħarġiet soċjo-kulturali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. F'Jum il-Fontana fl-1 ta' Diċembru ser issir quddiesa ta' radd-il-ħajr, wara tqegħid ta' kuruna mal-monument tas-sajjieda u bukkett fjuri man-niċċa tas-Salvatur, l-inawgurazzjoni ta' lapida li tfakkar it-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill u tas-Sindki li servew lill-lokalità tal-Fontana. Din ser tkun fl-uffiċċju tal-Kunsill, kif ukoll l-inawgurazzjoni tat-tisbieħ tas-sala tal-komunità. Dawn ser ikunu inawgurati mis-Sindku s-Sur Saviour Borg . Wara serata soċjo-kulturali fis-sala tal-komunità bis-sehem tal-*band* Allegro Clefs.

61.9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet biex isiru n-nomini tal-premju 'Ġieħ il-Fontana'. Is-Sindku qal illi din id-darba ma hu ser jinnomina lil ħadd għar-raġuni li għandu tagħrif li min ser jingħata t-trofew u l-midalja ta' 'Ġieħ il-Fontana' diġà hemm tlett membri tal-Kunsill li qablu dwaru, għalhekk mhux ġust ma min kien ser jinnomina. Il-Kunsillier Jonathan Cefai nnomina lil Paul Galea għal premju 'Ġieħ il-Fontana'. Huwa qal li Paul Galea ħadem ħafna biex kabbar il-festa esterna u jagħti sehem f'kull qasam, kif ukoll ħeġġeġ ħafna nies biex jinżlu l-Fontana u qed jagħmel riċerka fuq il-Fontana. Il-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Horace Micallef flimkien mal-Kunsillier Jonathan Cefai qablu. Il-Kunsillier Carmel Farrugia ma qabilx ma' din in-nomina u vvota kontra, filwaqt li s-Sindku astjena minn din id-deċiżjoni għar-raġuni li seta ngħata lill-Għaqda tal-Armar Fontana li s-Sur Paul Galea hu membru tagħha u jaħdem fi ħdanha. Għaldaqstant il-premju ser jingħata lis-Sur Paul Galea.

61.9.3 Il-Kunsill qabel illi r-riċeviment jieħu ħsiebu Charles Azzopardi bħas-sena l-oħra u lil Sound and Vision għal *PA System*.



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 61.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 48/2023 għal perjodu ta' bejn is-26 ta' Settembru 2023 u l-31 t'Ottubru 2023 li tammonta għal €15,334.87 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Ottubru.

## 61.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023.

**IFFIRMATA**
Saviour Borg
Sindku

**IFFIRMATA**
Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA